Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 189/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Sharfid**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josef Sharfid talli fis-26 ta’ Novembru, 2001 ghal-habta ta’ 12.45 pm gewwa d-*Detox Centre* fl-Isptar San Luqa, fil-Pieta`:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` kisser zewg hgigiet li l-valur taghhom jammonta ghal aktar minn ghaxar liri (Lm10) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;
2. insulenta u hedded lil Dott. Anne Marie Vella M.D.;

3. kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u kliem hazin; u
4. talli rrenda ruhhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn qorti kompetenti u li saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Josef Sharfid hati skond l-imputazzjonijiet kif dedott kontra tieghu (b'dan li l-ammont ta' hsara kien ta' anqas minn ghaxar liri) u kkundannatu ghal-piena ta' tlett xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Josef Sharfid, minnu pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 6 ta' Frar, 2004; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi bazikament li hu "ikkollabora mal-pulizija", li ipprova jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamel billi offra li jhallas ghall-hgieg li kien kiser, kif ukoll li minn mindu gara l-incident *de quo* sal-lum hu ghamel kambjament sostanzjali fil-hajja tieghu.

L-ewwel osservazzjoni li din il-Qorti thossha fid-dover li tghamel hi li l-appellant, allura imputat, tressaq b'arrest fis-27 ta' Novembru, 2001. Huwa ma ammettiex il-htija tieghu fir-rigward ta' dawn l-erba' imputazzjonijiet – haga li kellu kull dritt li jaghmel, jigifieri li ma jammettix, u l-fatt li ezercita` d-dritt tieghu li jikkontesta u jhalli lill-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha kontrih b'ebda mod ma jista` jittiehed kontra tieghu fis-sens li b'xi mod tigi awmentata l-piena. Il-fatt jibqa', pero`, li din kienet kawza sommarja li hadet sentejn neqsin xahar biex tigi deciza. Issa, f'dan iz-zmien kollu l-appellant ma gab ebda prova ta' dak li issa qed jallega fir-rikors ta' appell, u cioe` tal-"kambjament li ghamel fl-istil ta' hajtu". Ghalhekk din ir-raguni, avanzata mill-appellant in mitigazzjoni tal-piena, ma tistax tittiehed bis-serjeta`.

Huwa veru li l-appellant ammetta mill-ewwel mal-pulizija dak li huwa ghamel, ghalkemm ipprova jaghti x'jifhem li dak li gara kien tort tan-*nurses* tad-*Detox* u ta' Dott. George Grech ghax dawn daru mieghu kif appena huwa beda jghajjat fl-istess *Detox Centre*. Din il-Qorti taghmilha cara li fil-fehma taghha dawn in-*nurses* u d-Direttur Kliniku tac-centru, l-imsemmi Dott. Grech, imxew bl-aktar mod korrett u b'fermezza ma' l-appellant. Huwa inaccettabbli li f'centru tas-sahha bhama hu d-*Detox Centre* persuna tibda tghajjat u taghmel l-istorbju semplicement ghax jidhrilha li ghandha xi dritt li dak il-hin u ta' malajr (kif jghidu bl-ingliz, *there and then*)  tara u tkellem tabib (f'dan il-kaz tabiba) partikolari. Huwa aktar inaccettabbli li ghax l-i*staff* tac-centru mill-ewwel jiehdu l-prekawzjonijiet biex l-istorbju jieqaf, dak li jkun jirreagixxi billi jifqa' hgiega. Kif tajjeb osserva l-Dott. Grech fid-deposizzjoni tieghu in kontro-ezami tad-19 ta' Mejju, 2003, kieku xi hadd kien bilqeghda wara l-*partition* tal-hgieg li tkissret dan kien probbailment iwegga'. Jekk l-appellant mhux kapaci li jikkontrolla lilu nnifsu allura hemm il-htiega li jkun ikkontrollat b'mod iehor, anke jekk hu l-kaz b'piena ta' prigunerija. Il-fatt li l-appellant offra li jhallas tal-hgieg li kisser ma hu f'dan il-kaz ta ebda relevanza partikolari: hawn mhix kwistjoni ta' flus – l-ammont involut hija hmerija taht l-ghaxar liri li zgur mhix ser tfalli lill-erarju pubbliku – izda ta' ordni u dixxiplina li hu essenzjali li jinzammu fid-*Detox Centre* mhux biss fl-interess ta' l-istaff izda wkoll tal-pazjenti l-ohra ta' l-istess centru. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------